MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 153/2009

**Eden Hospitality Limited (C-35719)**
**vs**
**Luke Engerer**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disa' mija wiehed u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€981.87) rapprezentanti hlas lura ta' spejjez inkorsi barra minn Malta mill-konvenut lis-socjeta' attrici li kienu avvanzati lill-konvenut mis-socjeta' attrici bhala spejjez ta' safar fuq xoghol tal-kumpanija.

Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala '*Sales Manager*' ghall-perjodu mill-24 ta' Jannar, 2008 sal-11 ta' April, 2008 f'liema data l-konvenut kien irrizenja mill-impieg tieghu. Illi fil-kors tal-impieg tieghu huwa kien gie avvanzat fondi a favur tieghu ghal finijiet ta' safar li huwa

kellu jaghmel fuq xoghol u liema fondi kellhom jintefqu ghal dan il-fini, b'dana li wara li gew ivversati dawn il-fondi effettivament irrizulta li s-socjeta' rikorrenti kienet ivversat ammont akbar minn dak attwalment minfuq minnu u dana fis-somma zejda fl-ammont tat-talba. Illi l-konvenut approprja ruhu f'dan l-ammont b'dan il-mod u rrifjuta li jaghtihom lura lis-socjeta' rikorrenti:

Fondi avvanzati mis-socjeta' rikorrentia favur l-intimat:

| | |
|---|---|
| 26.02.08 VISA Advance - | €516.94 |
| 06.03.08 VISA Advance - | €124.29 |
| 12.03.08 Cash Advance - | €2,680.00 |

Total = €3,321.23

Spejjez attwalment minfuqa mill-konvenut:

| | |
|---|---|
| 08.04.08 Expenses submitted | €1212.80 |
| 08.04.08 Expenses submitted | €1,126.56 |

Total = €2,339.36

Id-differenza meta jitnaqqas l-ewwel ammont mal-infieq maghmula jirrizulta s-somma tat-talba u cioe' disa' mija wiehed u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€981.87).

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jirrifondi dan l-ammont izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici qieghdin jigu respinti u kkontestati.

Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-konvenut m'ghandu jaghti ebda flus lis-socjeta' attrici.

Illi hija s-socjeta' attrici li ghandha thallas lill-konvenut ammont ta' flus f'pagi, tant li kontestwalment qieghda tigi prrezentata kontro-talba.

Ra l-kontro-talba pprezentata mill-konvenut fejn qal illi l-flus tirraprezenta paga ta' gimghatejn liema paga s-socjeta' attrici hallset permezz ta' '*cheque*' anness mall-kontro-talba u li ma giex onorat.

Illi din is-somma s-socjeta' attrici qieghda tirrifjuta li thallasha minghajr raguni valida.

Ra li l-kontro-talba ma gietx ikkontestata.

Ra li fis-seduta tas-16 ta' April, 2009 l-avukat difensur tas-socjeta' attrici dddikjara li mhux ser jipprezenta risposta ghal kontro-talba tal-konvenut.
Ra li permezz ta' nota, l-konvenut rikonevnjenti ceda l-kontro-talba tieghu stante pagament effettiv mis-socjeta' attrici izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.
Ra li l-attur sostna li l-konvenut kien thallas l-ammont mitlub fil-kontro-talba fil-mori tal-kawza u li kien accetta l-ammont mhallas mis-socjeta' attrici in '*full and final settlement'* izda t-Tribunal jirrilleva li l-attur kien accetta l-pagament '*in full and final settlement in respect of wages'*.
Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.
Sema' x-xhieda ta' Albert Galea u Luke Engerer,
Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tardivi tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**
Illi din il-kawza titratta dwar hlas lura ta' fondi avvanzati lill-konvenut meta huwa kien jahdem mas-socjeta' attrici u kellu jmur l-Isvezja u l-Belgju fuq xoghol. Illi s-socjeta' attrici kienet avvanzatlu flus kontanti fis-somma t' elfejn sitt mija u tmenin ewro (€2,680) liema '*cash advance'* m'huwiex kontestat kif ukoll ghamlitlu zewg '*advances'* fuq '*VISA card'* fis-somma komplessiva ta' sitt mija wiehed u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€641.23), liema '*advances'* huma kkontestati.

Illi mill-provi dokumentali ezebiti in atti kif ukoll mix-xhieda tal-'*financial controller*' tas-socjeta' attrici jirrizulta lit-Tribunal illi s-socjeta' attrici kienet impjegat lill-konvenut bhala '*Sales Manager'* u bejn it-12 ta' Marzu, 2008 sas-16 ta' Marzu, 2008 il-konvenut kellu jqatta' erbat iljieli f'Gothenbourg fl-Isevzja, jirritorna lura Malta fis-16 ta' Marzu, 2008 u l-ghada 17 ta' Marzu, 2008, mar Brussel fil-Belgju ghal erbat iljieli u cioe' sal-21 ta' Marzu, 2008. Illi kien qatta' lejl iehor fil-lukanda Sheraton fil-Belgju fil-21 ta' Marzu, 2008 u hallas ukoll il-kont bi flus kontanti. Illi b'kollox kien qatta' disat ijiem barra minn Malta.

Illi skont ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, qal illi s-socjeta' attrici kienet hallset direttament l-akkomodazzjoni permezz ta' '*credit card*' lill-'*hotel*' fl-Isvezja u b'kollox l-ammont tal-'*hotel*' kien ta' sitt mija u

erbghin ewro (€640) (SEK5990). Intqal ukoll illi skont procedura stabbilita tas-socjeta’ attrici l-infieq kollu li jsir mill-impjegati waqt safar kellu jkun gustifikat permezz ta’ ricevuti, meta l-impjegat jirritorna lura lejn Malta. Ix-xhud spjega kif il-konvenut kellu diskrepanza ta’ disa’ mija u tmenin ewro (€980) wara li gie lura mis-safar li ma gewx gustifikati minnu u dan skont varji dokumenti ezebiti mix-xhud in atti fosthom dokument ‘AG1’ u ‘AG2’, a fol 19 u 20, li huma dokumenti interni mfassla mis-socjeta’ attrici konsistenti f’rendikont ta’ spejjez inkorsi fuq xoghol tal-kumpanija. Ezebixxa ukoll fost dokumenti ohra fatturi, fol 60 u 61, tal-*hotel* fl-Isvezja li jindika kont ta’ SEK7346 li rrizulta diga mhallas meta kien sar ‘*pre-payment’* tal-‘*hotel’* qabel ma kien siefer il-konvenut. Qal ukoll illi kien il-konvenut stess li kien ghamel dan il-‘*pre-payment’* sabiex jassigura l-kamra fil-hotel permezz ta’ ‘*credit card’* tas-socjeta’ attrici. Illi ma kienx minnu li l-konvenut rega’ hallas ‘*in cash’* il-kont ta’ Scandic Hotel (il-‘*hotel’* li qaghad fiha l-konvenut ghall-erbat iljieli) ezebit, a fol 60 u 61, u minflok huwa kien zamm il-flus ghalih. Illi kien hemm ukoll somma ta’ tliet mija u erbghin ewro (€340) li wara li gie lura mis-safar, il-konvenut ma kienx iggustifika b’ricevuti kif rikjesti minnu skont il-‘*policy guidelines’* tal-kumpanija li kull wiehed mill-impjegati kellu d-dover li josserva.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut fejn spjega kif bhala mpjegat tas-socjeta’ attrici kellu jsiefer fuq xoghol fi Brussel u fl-Isvezja. Illi kien versa ‘*payment guarantee’* ghall-lukanda fl-Isvezja peress illi huwa ma kellux ‘*credit card’* tal-kumpanija f’ismu u kellu juza dik tal-‘*General Manager’* tieghu. Illi wara li ggarantixxa l-‘*booking’* tal-hotel kellu xorta wahda jhallas il-kont tal-‘*hotel*’ in kontanti bil-flus li kienet avvanzatlu s-socjeta’ attrici. Illi huwa kellu jhallas il-‘*hotels’* kollha fiz-zewg pajjizi li kien zar ‘*in cash’* ghaliex il-kumpanija ma kienetx ipprovditlu ‘*credit card’* ghall-ispejjez inkorsi barra minn Malta. Qal ukoll illi meta hallas il-‘*hotel’* fl-Isvezja fil-21 ta’ Marzu, 2008 ma hassx illi kellu jsemmi il-‘*pre-payment guarantee’* u ghalhekk ma hassx illi kellu jikkancellaha. Qal ukoll illi l-‘*credit card’* li uza sabiex jigarantixxi l-kamra tal-‘*hotel’* ma kienetx f’ismu u ghaldaqstant ma kienx responabbli ghaliha. Dwar l-ispejjez l-ohra inkorsi minnu fejn huwa ma kienx

ipproduca ricevuti qal illi dawn kienu ghall-ikliet u diversi vjaggi bit-'*taxi'*. Illi l-unici ricevuti li ma pproduciex jammontaw ghall-cirka tliet mija u erbghin ewro (€340). Kien hemm xi ikliet ohra li huwa ma kienx kklejmja mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal ra u ezamina bir-reqqa id-dokumenti 'AG1' u 'AG2', a fol 19 u a fol 20, ezebiti in atti. Illi dawn id-dokumenti jirrizultaw li huma zewg rendikontijiet iffirmati mill-konvenut fil-11 ta' April, 2008 fejn huwa ddikjara li "*All amounts claimed have been legitimate business expenses incurred in the course of working for the company".* Illi dawn iz-zewg dokumenti gew approvati minn tliet ufficjali gholja tal-kumpanija u cioe' mill- '*Head of Department'*, mill-'*Financial Controller'* u mill-'*General Manager'* tas-socjeta' attrici. Illi dawn l-ispejjez maghmula mill-konvenut thallsu mill- elfejn sitt mija u tmenin ewro (€2680) flus kontanti avvanzati lill-konvenut qabel ma siefer fit-12 ta' Marzu, 2008 skont dokument 'AG3', a fol 21. Illi skont is-socjeta' attrici dawn l-ispejjez jaqghu taht il-parametri tal-klawzola 1.5 (h) tal-'*Global Policy Guidelines'* tal-kumpanija. Illi f'din il-klawzola hekk imsejjha, '*Claimant Responsibilities'*:

*"1.5 Employees are responsible for exercising proper business judgment and diligence when incurring travel and entertaining expenses. The company will only reimburse an employee for actual expenses incurred whilst on company business. It is the responsibility of the employee to submit details of expenses on a timely basis. Expenses not submitted within six months of being incurred will not be reimbursed. If you are unsure whether an expense is allowable, contact your manager or your HR contact for advice.*

*1.5(h) providing accurate and full details of expenses incurred including all the information required to ensure compliance with the local Expense Claim Procedure. "*

It-Tribunal ra li mkien fi klawzola 1.5 u klawzola 1.5 (h) ma jinghad illi l-ispejjez ghandhom ikunu gustifikati permezz ta' ricevuti. Illi pjuttost din il-klawzola qieghda tirriferi ghar-rimbors ta' spejjez wara li dawn ikunu gew maghmula mill-impjegat. Illi fil-kaz in ezami m'huwiex kaz ta' rimbors ta'

spejjez ghaliex il-flus kontanti kienu diga gew avvanzati lilu. Illi jirrizulta lit-Tribunal li dawn il-flus kienu gew avvanzati lill-impjegat in kontanti ghaliex huwa ma kellux '*credit card'* tal-kumpanija li seta' juza u ghaldqstant, l-ispejjez kollha inkorsi minnu kellhom bil-fors isiru in kontanti. Illi ra ukoll illi klawzola 1.5(h) tirreferi ghal '*Expenses Claims Procedure'* li bhala procedura m'hijiex elenkata f'dan l-istess dokument.

Illi t-Tribunal jirrilleva li skont dokument, a fol 49 u 50 tal-process, din hija kopja ta' l- '*istatement'* tal-'*VISA BOV'* appartenenti lis-socjeta' attrici liema '*credit card'* ghandha n-numru 4459510003043011 u li hija intestata lil '*General Manager'* tas-socjeta' '*Eden Leisure Group Limited', 'Intercontinental Hotel'*, St George's Bay, St Julian's. Illi f'dan l-'*istatement'* jirrizulta li kienu saru zewg pagamenti u mhux zewg '*advances'* lill-konvenut kif imsemmija fit-talba mis-socjeta' attrici. Wahda mill-'*advances'* saret fis-6 ta' Marzu, 2008 lil www.swefair.se fis-somma ta' SEK1150 ekwivalenti ghal mija erbgha u ghoxrin ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€124.29) u l-ohra lill-istess www.swefair.se ta' €SEK4750 ekwivalenti ghal hames mija u sittax-il ewro u erbgha u disghin centezmu (€516.94), komplessivament dawn iz-zewg hlasijiet kienu ta' SEK 5900 ekwivalenti ghall- sitt mija u wiehed u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€641.23), li hija somma indikata bhala parti komplessiva bil-'*cash advances'* mit-talba.
Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li mill-fattura a fol. 60 jirrizulta li kull lejl fil-Hotel Scandic f'Gothenbourg fl-Isvezja kien jiswa SEK1800 u ghaldaqstant ghall-erba t'iljieli mit-12 ta' Marzu, 2008 sas-16 ta' Marzu, 2008 l-akkomodazzjoni kienet giet tiswa' SEK7200 ekwivalenti ghal cirka seba' mija tnejn u tmenin ewro (€782). Illi din is-somma diga ma taqbilx mas-somma ta' sitt mija wiehed u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€641.23) mhallsa mis-socjeta' attrici bhala l-'*pre-payment* tal-'*hotel'* indikata mis-socjeta' attrici. Illi skont is-socjeta' attrici hija kienet ghamlet '*pre-payment'* tal-'*hotel'* qabel ma kien mar fl-Isvezja il-konvenut u in sostenn ta' dan ma gabet l-ebda prova konvinvcenti li fil-fatt sar il-hlas kollu qabel, hlief ghall-kopja t' *e-mail,* a fol.89 tal-process, li m'hi cara xejn. Illi

minn imkien ukoll ma rrizulta illi dan il-hlas kien sar direttament lill-'*hotel'*, izda jrrizulta li l-hlas kien sar tramite '*reservation centre'*. In effetti li kien gara kien illi s-socjeta' attrici kienet ghamlet '*pre-payment'* ghall-'*hotel'* ta' SEK5900 lill-www.swefair.se izda qatt ma ezebiet prova li dan il-pagament gie versat versu '*pre-payment'* lill-'*hotel'* u lanqas qatt ma pproducew ricevuta tal-hlas ikkonfermat. Illi ghalkemm ma rrizultax illi sar hlas dirett lil '*hotel'*, jirrizulta li sar xi hlas ghal xi fiera gewwa l-Isvezja.

It-Tribunal fehem illi bhala '*Sales Manager'* ta' lukanda l-konvenut kellu jkun a konoxxenza tal-procedura ta' '*pre-payment guarantee'* tal-'*booking'* tal-'*hotel'*, u hu kellu jaccerta ruhu li meta kien qieghed jaghmel '*check out'* mill-'*hotel'*, jekk kien hemm xi '*guarantee payment'* bil-'*credit card'* tas-socjeta' attrici din kellha tigi kkancellata. Izda gara li l-konvenut ma hasibx illi dan kien necessarju. Illi inoltre, il-konvenut ma kellu l-ebda kontroll fuq il-'*credit card'* tas-socjeta' attrici peress illi l-hlasijiet kienu kkontrollati minn dipartiment iehor li jiehu hsieb il-hlasijiet u mhux mill-konvenut.

Illi t-Tribunal huwa sodifsatt illi mid-dokumenti 'AG1' u 'AG2', (fol 19 u 20) mhejjija mis-socjeta' attrici jirrizulta li fil-11 ta'April, 2008, s-socjeta' attrici accettat u approvat illi l-konvenut kien hallas il-'*hotels'* '*cash'* kif ukoll approvat il-fatturi tal-Hotel Scandic l-Isvezja ezebiti, a fol 60 u 61. Izda t-Tribunal m'ghandux dubju illi l-problemi nqalghu meta s-socjeta' attrici irceviet l-'*istatement'* tal-'*credit card'* mahruga mill-BOV li kienet qieghda turi pagamenti li saru mis-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' SEK 5900. Ra li l-ammont ta' SEK 5900 li gie ccargjat lill-'*credit card'* tal-'*General Manager'* tas-socjeta' Eden Leisure Group Ltd jirrizulta biss li sar hlas f'kont ta' www.swefair.se fis- 6 ta' Marzu, 2008 u fit-26 ta' Frar, 2008. Illi s-socjeta' attrici ma gabet l-ebda ricevuta bhala prova ta' dan il-hlas, it-Tribunal huwa konvint li wara li ezamina bir-reqqa z-zewg fatturi mahrugin minn Scandic Hotel, u li jinsabu a fol 60 u 61 tal-process, ra li dawn il-kontijiet thallsu in kontanti bil-munita ewro. Illi a fol 60, il-kont tal-akkomodazzjoni u ilma mill- '*mini bar'* tal-kamra kien ta' SEK7225 liema kont thallas mill-konvenut permezz ta' disa' mitt ewro (€900)

flus kontanti u wara li giet ikkalkolata r-rata ta’ 8.163180 inghata lura l-bqija fis-somma ta’ SEK121.86.

Illi, kif jidher a fol 61 tal-process, il-konvenut hallas kont iehor lill-istess ‘*hotel’* ghall-uzu tar- ristorant u ‘*mini bar’* fl-ammont ta’ SEK651 u hallas permezz ta’ mija u hamsin ewro (€150) kontanti u wara li giet ikkalkolata r-rata ta’ 8.163180 inghata lura SEK633 in kontanti. B’kollox il-konvenut thallas lura SEK754.86 in kontanti ekwivalenti ghall-in circa mitt ewro (€100), fis-16 ta’ Marzu, 2008 wara li hallas il-kontijiet tal-‘*hotel’*.

It-Tribunal m’ghandu ebda dubju mill-fatturi tal-‘*hotel’* fl-Isvezja, ezebiti mis-socjeta’ attrici, li d’altronde jidhru li gew approvati mis-socjeta’ attrici u dan skont ‘Dok AG1’ u Dok. ‘AG2’ a fol. 19 u a fol 20 tal-process.

It-Tribunal ra li skont id-dokument ‘AG1’, il-konvenut ma tax rendikont dettaljat tal-infieq t’ ikla wahda fl-Isvezja fis-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150) u vjagg wiehed bit-taxi lejn l-airport ta’ Gothenbourg fis-16 ta’ Marzu, 2008 fis-somma ta’ hamsin ewro (€50). Illi dwar dan it-Tribunal jirrileva li sehem il-konvenut ghal ikla wahda fis-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150) huwa pjuttost kont gholi, li jisthoqlu rendikont dettaljat fin-nuqqas ta’ rcevuta, filwaqt illi kont ta’ taxi fis-somma ta’ hamsin ewro (€50) ghalkemm huwa gholi ma jistax jigi eskluz. It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll illi l-konvenut dejjem ha hsieb illi jzomm ir-ricevuti kollha u ma jistax jara ghalfejn f’dawn l-okkazzjonijiet partikolarment meta z-zewg kontijiet kienu gholjin ma zammx id-debita rcevuta, partikolarment meta huwa u kien sejjer lura lejn Malta fil-21 ta’ Marzu, 2009 kellu l-bqija mill-*Hotel* ta’ seba’ mija erbgha u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€754.86).

Illi dwar iz-zjara fi Brussell, il- Belgju, ma jidhirx illi kien hemm kontestazzjoni mis-socjeta’ attrici ghall-ispejjez maghmula mill-konvenut hlief ghal erba’ t’ikliet li taghhom il-konvenut ma kienx zamm l-ebda rcevuta jew ma ta’ l-ebda rendikont dettaljat ta’ dawn l-ispejjez u dan jirrizulta mid-dokument ‘AG2’.

Illi t-Tribunal m'ghandux dubju li meta s-socjeta' attrici ntebhet illi fl-'*istatement'* tal-'*credit card'* tal-BOV intestata lill-'*General Manager'*, irrizulta hlas lill- www.swefair.se, kif ukoll il-konvenut kien hallas in kontanti ghall-istess akkomodazzjoni. Is-socjeta' attrici kellha d-dover li titlob rifuzjoni ghal hlas doppju jew minn www.swefair.se jew direttament mill-Hotel Scandic. Jibqa' ukoll il-fatt illi filwaqt illi s-socjeta' attrici sostniet illi hallset il-'*hotel'* bi '*pre-payment'* il-kont kollu tal-akkomodazzjoni, din is-somma ta' SEK5900 li jirrizulta fl-*I'statement'* tal-'*credit card'* appartenenti lis-socjeta' attrici, ma taqbilx mal-kont tal-*hotel* skont il-fattura pprezentata, a fol 60, fis-somma ta SEK7200.
Lit-Tribunal jidhirlu wkoll illi meta s-socjeta' attrici tat lill-konvenut is-somma ta' elfejn sitt mija u tmenin ewro (€2680) in kontanti ghaliex ma kellux l-facilita' tal-uzu tal-'*credit card'* tas-socjeta' attrici, kienet parti minn procedura normali fi kwalunkwe' kumpanija serja. Izda kumpanija serja tezigi li l-ispejjez ikunu sostanzjata b'ircevuti. Illi fil-kaz in ezami l-konvenut ghar-ragunijet li dehrlu huwa ma zammx dawn ir-ricevuti izda lanqas ma ta' rendikont dettaljat skont il-'*company policy guide lines'* tas-socjeta' attrici.
It-Tribunal jirrikonoxxi il-fatt illi l-konvenut kien ghamel il-'*booking'* tal-hotel fl-Isvezja huwa stess u dan ghamlu permezz tal-'*credit card'*, intestata lil '*General Manager'* tieghu, izda huwa kien konvint illi huwa kien qieghed jigarantixxi l-'*booking'* biss. Illi t-Tribunal huwa konvint ukoll illi l-konvenut ma approprijax is-somma ta' €641.23 ghaliex hemm prova cara li huwa kien hallas l-akkomodazzjoni fil-Hotel Scandic in kontanti.

Illi n-nuqqas serju tal-konvenut kien li ma kkancellax il-garanzija li huwa kien ghamel bil-'*credit card'* tal-kumpanija. Illi nonostante, t-Tribunal huwa tal-fehma li kien hemm traskuragni da parti tas-socjeta' attrici meta hija ma aggixxietx fil-mument li saret taf b'dan l-izball ta' hlas ghal darbtejn f'kont l-Isvezja u ma segwietx ir-rifuzjoni dwar dan il-hlas li sar ghal darbtejn lill-'*Hotel'.*

In konkluzjoni, t-Tribunal ra li s-socjeta' attrici qatt ma pproduciet ircevuta tal-hlas maghmul lill-www.swefair.se

fis-somma komplessiva ta’ €5900 filwaqt illi l-konvenut ipprova li huwa kien hallas SEK7200 ‘*cash’* ghall-akkomodazzjoni.

It-Tribunal ghalkemm jemmen illi l-konvenut ma approprija l-ebda flus tas-socjeta’ konvenuta, jemmen illi huwa kien halla li jsiru hlasijiet zejda ghall-akkomodazzjoni tieghu fl-Isvezja. Illi d-dokument li rrizulta a fol 89 hija prova li kien sar ‘*change of booking’* ghal kamra tramite l-email address tal-konvenut fis-6 ta’ Marzu, 2008 b’riferenza DSYX37 lil ‘*Svenska Massan’* li hija ‘*reservation service centre’* li hadet hsieb il-‘*booking’* kien sar mill-konvenut. Illi skont dokument a fol.89 jirrizulta li l-konvenut kien jaf b’dan il-‘*booking’* u l-izbal li ghamel il-konvenut kien li ma vverifikax dan il-‘*booking’* kif wasal il-‘*hotel’* kif ukoll huwa w jitlaq mill-‘*hotel’*.Illi rifuzjoni ta’ dan il-‘*booking’* qatt ma nghata la lill-konvenut u lanqas lis-socjeta’ attrici u dan kif gie kkonfermat fl-*email* mibghuta lis-socjeta’ attrici fid-19 ta’ Ottubru, 2009 fejn intqal mis-‘*Sales Manager’* tal-*‘Isvenska Massan Hotel service centre’* illi l-*‘invoice’* prodotta giet konfermata u li ma kienx hemm rifuzjoni ta’ flus tal-kamra okkupata minn Luke Engerer.
Illi wara li ezamina u evalwa bir-reqqa il-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa sodisfatt mill-fatti kif zvolgew u kif irrizultaw. It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma li l-konvenut wera nuqqas serju meta halla li jsir hlas ghal darbtejn ghall-akkomodazzjoni tieghi gewwa Gothenbourg u dan ghaliex ghal xi raguni meta ggarantixxa il-‘*hotel accommodation’* huwa effettivament kien ippermetta li jsir hlas minn qabel, u wara meta huwa wasal fl-akkomodazzjoni barra minn Malta, hallas il-fattura ezebita a fol.60 u 61 li tindika li l-hlas kien sar in kontanti fl-ammont kollu mitlub u bil-munita Ewro u fejn inghata bqija bil-‘*Kroners*’ minghajr ma ta’l- ebda kaz tal-‘*guarantee pre-payment’* li kien effettwa huwa stess ftit jiem qabel. Illi hija l-fehma tat-Tribunal, li l-konvenut *qua* ‘*Sales Manager’* ta’ lukanda kien negligenti fl-agir tieghu. Illi min-naha l-ohra, s-socjeta’ attrici ftit li xejn issegwi l-kontijiet taghha ghaliex kif appena ndunat illi kien sar hlas ghal darbtejn kellha tfittex tiehu flusha lura u ma thalliex xhur jghaddu qabel ma tintebah bl-izball.

Illi dwar it- tliet mija u tletin ewro (€330) li ma gewx '*accounted for'* bl-ircevuti mill-konvenut, t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut, ghalkemm ma kienx marbut li jaghti rendikont bl-ricevuti, ftit li xejn ihoss illi l-ispejjez huma konvincenti. Lit-Tribunal jidhirlu li l-konvenut kien jokkupa grad ta' '*Sales Manager'* f'lukanda ewlenija u kellu juri iktar sens ta' '*good management* u *accountability'* f'xoghlu u jzomm ir- ricevuti tal-ispejjez minkejja l-fatt illi l-'*guidelines'* tal-kumpanija ma kienux jirrikjedu ricevuti izda rendikont dettaljat tal-infieq. It-Tribunal ra li ma tax rendikont dettaljat ta' l-infieq u li certu infieq bhal ma hija ikla wahda fis-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) bhala ecessiva u ghalhekk ihoss illi l-konvenut kellu jaghti rendikont iktar serju u dettaljat meta gie fdat bi flus kontanti.

Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, t-Tribunal filwaqt li huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ma ppruvatx li l-konvenut approprja s-somma ta' sitt mija wiehed u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€641.23) kif allegat is-socjeta' attrici, ra li ppruvat in-nuqqas tal-konvenut meta ma kkancellax il-*pre-payment guarantee* li kien ghamel huwa stess tramite il-'*credit card'* tal-kumpanja ntestata lil-'*General Manager'* tal- *'Eden Leisure Group Ltd*' u konsegwentement halla li jsir hlasijiet zejda lill-www.swefair.se. Illi dwar l-infieq mhux gustifikati t-Tribunal ihoss illi mhux l-infieq kollu huwa gustifikat fic-cirkostanzi u ghaldaqstant ghandu jirritona parti minnhom.

Ili dwar l-ispejjez tal-kontro-talba t-Tribunal jiddeciedi li l-hlas kien sar lill-konvenut mis-socjeta' attrici u dan gie accetat in *full and final settlement of wages.* Illi l-ispejjez gudizzjarji gew eskluzi. Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss illi l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom ikunu sopportati unikament mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal fic-cirkostanzi tal-kaz jaqta' u jiddeciedi li s-socjeta' attrici ppruvat parti biss mit-talba, u ghalhekk jilqa' t-talba attrici '*in parte'* u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' konvenuta fis-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230) bl-interessi u l-ispejjez mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez tat-talba sopportati bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs, filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom ikunu sopportati mis-Socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------